# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 1 | RELIGION | Time: 1½hours |
|---|---|---|

Name________________________________ Class__________________

**L-EWWEL SEZZJONI - Imla l-vojt b'dawn il-kliem t'hawn taħt:**

Evanġelji, Ġesù, Is-Samaritani, Sinagoga, serp, Pilatu, Palestina, konċentrament, Għid il-Ħamsin, Is-Sagrifiċċji

1. Ir-Rumani kienu l-ħakkiema tal-__________________ fi żmien Ġesù.
2. ____________________ kienu jqimu lil Alla fuq il-muntanja Gariżim.
3. Patri Massimiljanu Kolbe miet fil-kamp tal-____________________.
4. Quddiem __________________ Ġesù qal "Iva, jien Sultan".
5. Bil-mewt u l-qawmien ta' _________________ aħna ġejna salvati.
6. Il-festa tal-Ġimgħat tissejjah ukoll _____________________.
7. Kull nhar ta' Sibt, il-Lhud kienu jitilgħu fis-____________________ biex jisimgħu il-qari tal-Bibbja u jitolbu flimkien.
8. ____________________ kienu jsiru biss fit-Tempju ta' Ġerusalemm.
9. San Mattew kiteb wieħed mill-__________________.
10. U kif Mosè refa s-___________ fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-Bniedem.

(10 marki)

**IT-TIENI SEZZJONI - Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. Għaliex David kien l-aqwa sultan tal-poplu Lhudi?

________________________________________________

2. Fejn kien it-Tempju tal-Lhud?

________________________________________________

3. Min ġab il-fidi ta' Ġesù f'Malta?

________________________________________________

4. Xi jfisser l-isem ta' Ġesù?

________________________________________________

5. Għalfejn Ġwanni l-Battista kien jgħammed?

________________________________________________

6. X'kienu l-kotba tal-Għerf fl-Antik Testment?

---

7. Għalfejn Alla għażel il-profeti?

---

8. Min kienu l-Fariżej?

---

9. Fejn kien jgħix Abraham meta sejjaħlu Alla?

---

10. Kemm il-silta mill-Bibbja naqraw fil-Quddies kull nhar ta' Ħadd?

---

(20 marka)

**<u>IT-TIELET SEZZJONI</u> - <u>Ikteb IVA jew LE fil-kaxxa pprovduta</u>:**

| | |
|---|---|
| **1. Fuq il-muntanja Tabor seħħet il-ġrajja tat-Transfigurazzjoni** | |
| **2. L-ewwel dixxipli ta' Ġesù kienu jiġbru t-taxxi** | |
| **3. Żakkew kien il-kap tal-publikani** | |
| **4. Għall-Lhud is-Sibt ma kienx jum ta' festa** | |
| **5. Abraham kien missier il-Poplu t'Alla** | |
| **6. Ġożwè ħa t-tmexxija tal-poplu f'idejh wara l-mewt ta' Mosè** | |
| **7. David kien sultan kattiv li ġab il-firda fost il-poplu** | |
| **8. Il-Pentatewku huma l-ewwel seba' kotba fil-Bibbja** | |
| **9. Ġesù kien jitkellem bil-parabboli biex jagħallem lill-poplu** | |
| **10. Ġwanni l-Battista kiteb wieħed mill-kotba ta' l-Antik Testment** | |

(10 marki)

**<u>IR-RABA' SEZZJONI</u> - <u>Qabbel dawn is-siltiet billi tniżżel in-numru fejn suppost</u>:**

| | | |
|---|---|---|
| **1. Il-gwida ta' ħajjitna** | | **il-partit tas-sinjuri u tan-nobli** |
| **2. Iżakk huwa** | | **nsibuha fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli** |
| **3. Il-firda minn Alla** | | **huma l-qalba tal-Bibbja** |
| **4. Is-Sadduċej kienu jiffurmaw** | | **ddedikat ħajjitha għall-foqra** |
| **5. L-Evanġelji** | | **ġġib firda minn xulxin** |
| **6. Is-Sinedriju** | | **xbieha tiegħu** |
| **7. Madre Tereża** | | **għandu jkun Ġesù** |
| **8. Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta** | | **kien ragħaj u profeta** |
| **9. Għamos** | | **kien iservi ta' qorti fi ħwejjeġ reliġjużi** |
| **10. Alla ħalaqna** | | **t-tifel ta' Abraham** |

(10 marki)

**IL-ĦAMES SEZZJONI - Aqra s-silta t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet:**

**"U minnufih ġiegħel lid-dixxipli jitilgħu fuq id-dgħajsa u jmorru qablu x-xatt l-ieħor, sakemm jibgħat lin-nies. Wara li bagħat lin-nies, tela' waħdu fuq l-għoljiet biex jitlob.**
**X'ħin sar filgħaxija kien għadu hemm waħdu; id-dgħajsa kienet diġa' f'nofs il-baħar titħabat mal-mewġ, għax kellhom ir-riħ kontra tagħhom.**
**Fir-raba' sahra tal-lejl mar lejn in-naħa tagħhom miexi fuq il-baħar. Huma rawh miexi fuq il-baħar u twerwru. 'Dan xi fantażma' qalu; u qabdu jgħajtu bil-biża'. Iżda hu minnufih kellimhom u qalilhom: 'Agħmlu l-qalb, jiena hu, tibżgħu xcjn!' Wieġeb Pietru u qallu: 'Mulcj, jekk huwa int, ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma.' 'Ejja,' qallu Ġesù.**
**Pietru niżel mid-dgħajsa, u qabad jimxi fuq l-ilma u jersaq lejn Ġesù. Iżda meta ra li r-riħ kien qawwi, beża', ħabat jegħreq, u beda jgħajjat u jgħid: 'Salvani, Mulej!' Malajr Ġesù medd idu u qabdu: 'Bniedem ta' fidi żgħira,' qallu, 'għaliex iddubitajt?' Meta mbagħad it-tnejn telgħu fid-dgħajsa, ir-riħ waqaf."**

**(Mattew 14, 22-32)**

1. Agħti titolu għal din is-silta?

_______________________________________________________________(1 marka)

2. X'għamel Ġesù wara li bagħat lin-nies?

_______________________________________________________________(1 marka)

3. X'ġara fir-raba' sahra tal-lejl?

_______________________________________________________________(2 marki)

4a. X'għamlu d-dixxipli meta raw lil Ġesù?

_______________________________________________________________(2 marki)

4b. Ikteb il-kliem li qalilhom Ġesù?

_______________________________________________________________(2 marki)

5a. Xi stiednu jagħmel Ġesù lil Pietru?

_______________________________________________________________(1 marka)

5b. Irrakonta fi kliemek xi ġralu Pietru meta laqa' l-istedina ta' Ġesù.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(3 marki)

6. Għaliex Pietru ma kienx imissu beża'?

_______________________________________________________________(2 marki)

7. X'tagħlima nieħdu minn din is-silta?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(3 marki)

8. X'nistgħu nagħmlu biex inkabbru l-fiduċja tagħna f'Ġesù?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(3 marki)

**<u>IS-SITT SEZZJONI</u> - <u>Imla din it-Tisliba</u>:**




1. F'din il-Belt l-Anġlu ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla.
2. Ġesù kien jagħmel dan ta' spiss fis-sinagoga.
3. Ġesù fejjaq ħafna minn dawn.
4. B'dawn Ġesù kien juri l-qawwa ta' Alla kienet taħdem fih.
5. L-ewwel sagrament li aħna nirċievu.
6. Ġesù qajjem lil dan il-ħabib tiegħu mill-mewt.
7. Ma' din Ġesù xebbaħ lilu nnifsu u permezz tagħha aħna naslu għand Alla.
8. Lil dan Ġesù talab biex jeħilsu mill-passjoni fil-ġnien tal-Ġetsemani.
9. Dan il-bniedem ħareġ il-poplu Lhudi mill-Eġittu.
10. Dan kien wieħed mill-Profeti.

(10 marki)

---

**<u>IS-SEBA' SEZZJONI</u> - <u>Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin u fuq karta separata ikteb madwar 50 kelma fuq kull wieħed li tagħżel</u>:**

1. Is-Sejħa ta' Abraham.
2. Il-miraklu ta' l-agħma ta' Silwam.
3. Il-parabbola tal-bidwi li ħareġ jiżra'.
4. Il-miraklu ta' meta Ġesù tema' ħamest elef ruħ.

(20 marka)

---